TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 212/17-F

**Winnie Pirotta**

**vs**

**Clear Tone Hearing (Malta) Ltd.**

Illum 14 ta' Ġunju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-23 ta' Novembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), rappreżentanti l-prezz ta' *hearing aids* li ma jaħdmux tajjeb.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

L-intimat issottometta li l-problema tar-rikorrenti hija x-xemgħa li jkollha f'widnejha u kif ukoll li kellha xahar sabiex tirritorna lura jekk ikollha problema fihom sabiex ibiddilhomlha, iżda peress li għaddew erba' xhur ma setax ibiddel.

Illi minkejja li t-Tribunal ordna diversi tibdiliet u trattament, xorta baqgħet bil-problema.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-*hearing aids* jidhru li huma u li jaħdmu tajjeb, pero' jidher li hemm problema mar-rikorrenti li ma tistax tisma' sew minn dawn il-*hearing aids*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, a bażi ta' ekwita', qed jiddeċiedi billi jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200), u b'dan illi *hearing aid* waħda tiġi ritornata lis-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u l-*hearing aid* l-oħra tibqa' għand ir-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888